ŻEBBUĠ

**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u> Nru. 38/2013**
***Kienet addottata Aġenda nru. 33/2013***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 26 ta' Frar 2013**
(Ma saritx it-Tlieta, 19 ta' Frar 2013 peress li ma kienx ser ikun hemm quorum).

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. <u>APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 37/2013</u>

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 37/2013 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 37/2013

Dwar ilment KAM 44/2012 tas-Sinj. Steege għal trasferiment ta' *lamp-post* fi Triq il-Port, iċ-Chairperson qalet li t-talba hija ġustifikata. Il-Kumitat approva t-trasferiment ta' dan il-*lamp-post* partikulari b' tali mod li ma jkunx ta' ostaklu għal ħaddieħor.

Il-Kumitat approva:

- t-twaħħil ta' salvavita' għal kull *lamp-post* tal-*front* ta' Marsalforn.
- stima ta' Gam Gam Services għal qlugħ ta' zkuk tas-siġar fi Triq il-Wied – it-triq tal-Electra (€118).

Is-Sur Debono talab u l-Kumitat qabel li jinqalgħu zkuk ta' siġra fil-Menqa, il-ġewwa mill-gabbana tal-Granola.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li d-dipartiment ser jgħaddi €34,277.80, 75% tal-istima tal-konkos fuq Daħlet il-Merżuq.

Komunikat mibgħut mill-Beach Cleaning Section dwar ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-bajjiet sajf 2013.

Ġie deċiż:

- li ssir sejħa għall-kwotazzjonijiet għal provvista ta' żebgħa.
- dwar ir-*railings* fil-Bajja tal-Qbajjar, issir *site visit* mal-Perit u ssir stima biex dawn ir-*railings* spiċċuta jinbidlu.

Ittra mibgħuta minn Transport Malta dwar proposti mressqa mill-Kumitat (i) biex Triq il-Port tinfetaħ *two-way* għall-*coaches*, (ii) isir sinjal fuq kull naħa tat-triq fi Triq id-Duluri biex il-*parking* isir mis-sinjal il-ġewwa u (iii) għal *reserved parking bay* għall-persuni b' diżabilita' fi Triq il-Qbajjar.

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
|---|---|
| (i) Daniela Sacco<br>Kids Walk for Charity<br>nhar il-21 ta' April 2013<br>titlaq mill-Menqa u tispiċċa l-*promenade* tal-Qbajjar. | Approvata. |
| (ii) Fondazzjoni Oasi<br>Il-festival Riflessi Sajfin<br>nhar l-10 ta' Awwissu 2013 fil-Menqa (l-armar tal-palk jibda mill-ġurnata ta' qabel il-festival). | Approvata – bl-istess kundizzjonijiet tas-sena l-oħra. |

Is-Sur Refalo rtira mill-Kamra tal-laqgħat.

| | |
|---|---|
| (iii) Josanne Pace<br>Applikazzjoni għal provvista temporanja tal-elettriku mill-21 ta' Ġunju sat 23 ta' Settembru 2013. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet – tarma fi Triq il-Munġbell flok tal-ħaxix. |
| (iv) Jason Axiak<br>Applikazzjoni għal provvista temporanja tal-elettriku mill-20 ta' April sal-20 ta' Ottubru 2013. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet – jarma fil-*parking area* fejn hemm il-latrina pubblika. |
| (v) James Said<br>Biex jarma l-*bumping cars* mis-17 ta' Ġunju sat-8 ta' Settembru 2013 fil-*car park* ta' Marsalforn. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |
| (vi) Perit A Bigeni għan-nom ta' Daniel Pace<br>Għal użu ta' sit fuq il-Bajja ta' Marsalforn biex temporanjament ipoġġi *canoes, paddle boats* u *man-powered water crafts* oħra. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |

Is-Segretarja Eżekuttiva qassmet lill-membri preżenti dokument li juri d-dħul u n-nefqa tal-Kunsill Lokali għall-ewwel erba' xhur tas-sena Jan – Apr 2013.

## 5. TRIQ IL-QBAJJAR *ONE-WAY*

Il-Kumitat unanimament qabel li parti minn Triq il-Qbajjar, mill-kantuniera ta' Triq Barda sal-pjazzetta li tgħaqqad ma' Triq il-Forn issir *one-way* fid-direzzjoni lejn Marsalforn. Il-Kumitat ser jgħaddi l-proposta għall-kunsiderazzjoni ta' Transport Malta.

## 6. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

Ilment nru. KAM 03/2013 – is-Sindku Nicky Saliba
Għandu talba biex titwaħħal lampa ġdida mal-bini ta' fuq l-ispiżjerija ta' Marsalforn fi Triq il-Wied. It-talba kienet approvata mill-Kumitat.

Ilment nru. KAM 04/2013 – Carmen Falzon & Brian Azzopardi
Talbu biex titwaħħal lampa mas-*substation* fi Triq il-Qolla s-Safra. Il-Kumitat approva t-talba għal lampa ġdida.

Ilment nru. KAM 06/2013 – Charlie Cordina
Talab biex issir rampa fi Triq ix-Xagħra. Deċiżjoni dwar din it-talba ma ttieħdetx.

Ilment nru. KAM 07/2013 – Mary Mizzi
Talbet biex tiddawwal aktar l-*area* ta' wara l-latrina pubblika tal-*car park* ta' Marsalforn. It-talba kienet rifjutata – *area* diġa mdawwla.

Ilment nru. KAM 08/2013 – Kevin Meilak
Isiru tlett *crash barriers* ġodda quddiem Lantern Guesthouse fi Triq il-Qbajjar. It-talba kienet approvata.

## 7. MATERJA OĦRA

Ma kienx hemm materja oħra.

## 8. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die.*

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***